MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Numru. 195/2010

**Il-Pulizija**
**(Sp Dennis Theuma)**

**vs.**

**Christopher Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Christopher Borg ta' 30 sena iben Alfred u Mary Anne nee' Ciantar mwieled Attard fil-5 ta' Marzu 1979, residenti Flat 3 Block 1, Bieb B, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Siggiewi, ID 141979(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Awissu 2009 u fis-snin ta' qabel din id-data

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta

(c) Illi f’kaz ta’ htija il-Qorti kienet mitluba titratta mal-akkuzat talli kiser il-kundizzjoni ta’ sentenza datata 25 ta’ Jannar 2008 moghtija minn din l-istess Qorti fejn huwa kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 15-il xahar

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat General ibis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Rat il-verbal fis-seduta tat-12 ta’ Mejju 2012 fejn il-partijiet vverbalizzaw li ‘*jaqblu li l-imputazzjonijiet kontra l-imputat huma bbazati biss fuq l-istqarrija.’*

Rat il-verbal maghmul fl-istess seduta minn Dottor Joseph Ellis ghall-imputat fejn talab lil din il-Qorti ‘*in vista ta’ gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali, injora l-istqarrija li ta’ l-imputat stante li l-imputat stante li l-imputat kien sprovvist minn assistenza legali.’*

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis, pero din id-droga ma nstabix materjalment fil-pussess tieghu u fis-seduta tat-12 ta’ Marzu 2012, gie verbalizzat li *‘l-partijiet jaqblu li l-imputazzjonijiet kontra l-imputat huma bbazati biss fuq l-istqarrija.’* F’din l-istqarrija l-imputat ammetta li gieli pejjep il-joints tar-raza tal-cannabis. Pero din l-istqarrija ttiehdet fi zmien meta l-Ligi Maltija ma kinitx tippermetti assistenza legali qabel ssir l-interrogazzjoni u konsegwentement - fuq l-iskorta ta’ gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali partikolarment ‘Pulizija vs Alvin Privitera’, deciza fil-11 ta’ April 2011 – din l-istqarrija ma jista’ jkollha ebda influwenza diretta jew indiretta fuq l-ezitu ta’ dawn il-proceduri kriminali ghaliex ttiehdet bi ksur tad-dritt ta’ smiegh xieraq tal-imputata, kif interpretat mill-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropea. Ghaldaqstant din l-istqarrija qed tigi skartata minn din il-Qorti (ara fl-istess sens ‘Pulizija vs Michelle Bugeja’ deciza minn din il-Qorti kif preseduta fit-13 ta’ Jannar 2012.)

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------